MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 1810/1998/1

**Lawrence J.M. Galea**

**vs**

**Malta Shipbuilding Co. Ltd.**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' April 2000 li taqra hekk:

" I1-Qorti,

Rat 1-avviz tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm792.90, kwantu ghal *Lm750.96c* ghal tmien gimghat paga dovuti skond il-ligi bhala 'notice money' meta s-socjeta` konvenuta ma hallietx lill-attur jahdem il-perjodu ta' tmien gimghat qabel it-terminazjoni tal-impieg tieghu, kif offra li jaghmel bl-ittra tieghu tar-rizenja datata 22 ta' Mejju 1997

(Dok A) u kif imfissra car fl-ittra tieghu tat-18 ta’ Gunju 1997 (Dok B) ,u kwantu ghal Lm41.94c bilanc ta’ ‘bonus’ dovut lill-attur; bl-imghaxijiet legali sal-gurnata tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tas-7 ta’ Awissu 1997, u ta’ l-ittra ufficcjali tal-25 ta’ Awwisu 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-Socjeta` konvenuta fejn eccepiet:

1 Illi t-talba attrici hi preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2147 tal-Kodici Civili;

2 F’kull kaz 1-ammont reklamt ma huwiex dovut anke ghaliex 1-attur ipprevalixxa ruhu mill-beneficcju taht il-Volontary Termination Scheme li kien aktar favorevoli ghall-attur skond kif mahsub fl-Artikolu 38 tal-Kapitolu 135.

3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-atturi pprezentata fis-27 ta’ Frar 2001

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process, u

Ikkunsidrat:

Illi bl-ewwel eccezzjoni l-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ta' sena kontemplata mill-Artikolu 2147 tal-Kodici Civili.

Skond l-istess Artikolu din il-preskrizzjoni hija applikabbii ghal dawk l-azzjonijiet ta' persuni mhallsin bix-xahar ghall-hlas tal-granet tal-pagi jew salarji.

Ghalhekk biex tapplika din il-preskrizzjoni specifika irid jirrizulta li l-attur bhala impjegat tal-konvenuti kien jithallas il-paga kull xahar u li 1-azzjoni tieghu tirrigwarda il-hlas ta'

dik il-paga dovuta ghall-granet li fihom huwa pprovda is-servizzi lill-konvenuti u li baqghet ma thallsitx.

Izda, ghalkemm jirrizulta mid-deposizzjoni ta’ l-attur stess illi kien jircievi “salarju fl-ahhar tax-xahar” ma jirrizultax li l-ammont li 1-attur jippretendi li huwa dovut huwa dovut ghal xi granet tax-xoghol fejn nonostante li pprovda s-servizz miftiehem huwa ma thallasx.

L-azzjoni ta’ l-attur hija purament intiza biex jithallas ghal “notice-money” u “bonus”, bil-‘bonus’ rilevanti biss ghall-kalkolu tal-paga, u l-kalkolu tal-paga rilevanti biss biex jista' jigi determinat l-ammont ta' ‘notice money’. Ir-rilevanza tar-rata ta' paga biex jista' jigi determinat in-notice money ma twassal qatt biex l-azzjoni ssir wahda ghall-hlas tal-paga.

Ghalhekk il-preskrizzjoni eccepita mill-konvenuti ma hiex applikabbli ghall-kaz u qed tigi respinta.
Fil-meritu, kemm it-talba attrici kif ukoll id-difiza tal-konvenuti huma bbazati fuq il-provvedimenti tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament is-segwenti Artikoli:

**34** *(5)* Minkejja kull ftehim kuntrarju, avviz tat-temm ta’ impieg li jkun bi hsiebu jaghmel il-principal jew 1-impjegat taht kuntratt ta’ servizz ghal zmien bla limiti, ghandu jkun tat-tul bhal ma jinghad hawn izjed ‘il quddiem, jekk 1-impjegat kien ilu fl-impieg ta’ 1-istess principal kontinwament —
(a) ghal izjed minn xahar izda mhux izjed minn sena ………………………. gimgha
(b) ghal izjed minn sena izda mhux izjed minn sentejn ………………. gimghatejn
(c) ghal izjed minn sentejn izda mhux izjed minn hames snin …………………… erba’ gimghat
(d) ghal izjed minn hames snin ……………………………………………tmien gimghat:
Izda 1-avviz tat-temm ta’ impieg ma jistax jinghata matul il-leave ghal maternita` jew matul il-perijodu ta’ inkapacita` ghax- xoghol li ghalih jirreferi is-subartikolu (17) ta’ dan l-Artikolu.
………………

(7) Il-perijodu ta’ l-avviz ghandu jibda jghodd mill-jum tax-xoghol li jahbat wara 1-jum li fih jinghata l-avviz.

………………..

(9) Meta jircievi avviz minghand l-impjegat kif intqal qabel, il-principal ikun jista’ jaghzel jew li jhalli lill-impjegat li jkompli jahdem sakemm iz-zmien ta’ l-avviz jaghlaq jew, f'kull zmien matul li jkun ghaddej iz-zmien ta’ 1-avviz, ihallas lill-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha tithallas dwar iz-zmien ta’ l-avviz li ma jkunx ghalaq.

………………..

38. Jekk mhux f'kaz kif provdut xort’ohra b’dan 1-Att, jekk kuntratt ta’ servizz bejn impjegat u l-principal tieghu jipprovdi ghal kondizzjonijiet ta’ impieg, inkluz it-temm ta’ dak il-kuntratt, Ii jkunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fi jew taht 1-Att, dan ghandu jkollu effett daqslikieku minflok dawk il-kondizzjonijiet kien hemm imdahhla 1-kondizzjonijiet specifikati fi jew taht dan l-Att.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-attur kien ilu izjed minn hames snin fl-impieg mal-konvenuti u ghalhekk kien applikabbli l-avviz ta' tmien gimghat ipprospettat mill-Art. 34 tal-Kap. 135.

Lanqas ma huma kkontestati l-fatti li wasslu ghar-rizenja ta’ l-attur mill-impieg. Din irrezenja kienet saret a bazi tal-‘Voluntary Termination Scheme’ fejn il-principal konvenut kien intrabat li jekk impjegat jaghzel li jirrizenja mill-impieg dan kien ser ikun intitolat li jircievi paga ta' sena fil-mument tar-rizenja tieghu.

L-attur kien utilizza din 1-opportunita` u rregistra r-rizenja tieghu b’ittra tat-22 ta’ Mejju 1997. Ir-rizenja tieghu giet accettata b’effett mit-23 ta Mejju 1997 u kien gie regolarment imhallas is-salarju ta' sena b’effett mid-data tar-rizenja.

Izda ma' din ir-rizenja l-attur kien ghamel riferenza ghall-avviz ta' terminazzjoni kontemplat mill-Kap. 135 u billi l-konvenuti ghazlu li ma jhallux lill-attur jahdem matul dan iz-zmien ta' avviz huwa qed jippretendi kumpens ghat-tenur ta’ l-Artikolu 34(9) ta' l-istess Kap.

Min-naha taghhom il-konvenuti jsostnu li kienu lahqu ftehim verbali ma’ l-attur (v. ittra ta *15/7/97* Dok RV4) li r-rizenja u l-accettazzjoni taghha kienu ezenti minn kull obbligu ta' xi xoghol jew hlas matul il-perijodu tan-‘notice’. Isostnu li dan il-ftehim setghu jaghmluh a termini ta’ l-Artikolu 38 tal-Kap 135 billi, mal-hlas tas-sena paga stante r-rizenja, l-attur kien ampjament ikkompensat ghaz-zmien ta’ l-avviz u ghalhekk din kienet kundizzjoni iktar favorevoli ghall-impjegat minn dawk kontemplati fl-imsemmi Att.

Huwa evidenti li kumpens ta' sena paga minflok wiehed ikkalkolat a bazi ta' tmien gimghat paga huwa ferm iktar favorevoli ghall-impjegat attur. Ghalhekk il-konvenuti kienu awtorizzati bil-ligi li jilhqu tali ftehim mal-impjegat attur, izda l-attur jinnega li ntlahaq tali ftehim verbali.

Ghalhekk jispetta lill-konvenuti li jippruvaw li effettivament kien intlahaq tali ftehim mal-attur personalment u li l-attur espressament accettah.

Ghalkemm jista' jirrizulta li, ma’ l-offerta ta' sena paga, il-konvenuti ma kellhom ebda hjiel li xi mpjegat oltre li jaccetta l-offerta ta' sena paga kien ser jippretendi hlas ulterjuri flok l-avviz, ma jirrizultax ippruvat li ma’ l-attur giet diskussa xi kundizzjoni dwar irrinunzja ghal notice money.

Infatti, fl-ittra taghhom tat-23 ta’ Gunju 1997 (Dok RV2 a fol. 31), il-konvenuti ipprospettaw il-kaz li 1-attur setgha ma kien lanqas jaf b’tali kundizzjoni minhabba li f'xi zmien ma kienx qed jattendi ghax-xoghol minhabba l-istudji. F’din l-ittra l-konvenuti jippretendu li kien xi obbligu ta’ 1-attur li jaggorna ruhu u jghaddi sabiex jiftiehem maghhom fuq kundizzjoni li kienet tinteressa u tibbenenfika lilhom biss.

Inoltre, fl-istess rizenja bil-miktub (Dok A a fol. 2), l-attur ghamel riferenza ghal u ppretenda li kien ghadu japplika l-perijodu tan-‘notice’ previst mill-tigi. Kien jispetta ghalhekk lill-konvenuti, ghalhekk konxji mill-pretensjoni ta’ l-attur, li qabel ma jaccetaw tali rizenja, li jiccaraw il-posizzjoni taghhom u l-limiti tal-offerta taghhom. Izda 1-konvenuti accettaw ir-rizenja minghajr ebda kwalifika ulterjuri oltre dak li kien offert bil-miktub a tenur tac-cirkotari 7/95 (Dok RV1).

Ghalhekk il-konvenuti ma ppruvawx il-ftehim fuq xi kundizzjoni ti tvarja 1-provvedimenti tal-ligi dwar kundizzjonijiet ta’ l-impieg.

Ghaldaqstant, tilqa' t-talba ta’ l-attur limitatament ghat-talba tieghu ghas-somma ta’ LM750.96 dovuta in linea ta ‘notice money’ u tichad it-talba ghal xi ‘bonus’ billi dan ghandu jigi kkunsidrat kompriz fis-sena paga li huwa rcieva u accetta ghas-saldu tal-ftehim u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu tali somma ta’ LM750.96 (sebgha mija u hamsin liri Maltin u sitta u disghin centezmi) lill-attur, bl-imghax legali b’effett mill-25 ta' Settembru 1998.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Rat ir-rikors ta’ l-appell tas-socjeta` konvenuta Malta Shipbuilding Co. Ltd. li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija tas-6 ta' April 2001 billi, filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat kif ukoll l-appell incidentali tieghu fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata tas-6 ta' April 2001 billi tiddeciedi li huwa ghandu jithallas il-bonus kif dedott fit-talba originali u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallsu dan il-bonus, tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata, u tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta`;

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta ghall-appell incidentali ta' l-attur;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat illi:-
L-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti jirrigwarda c-cahda ta' l-eccezzjoni preliminari taghha li l-azzjoni tinsab preskritta ai termini ta' l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili, liema artikolu jippuntwalizza li huma preskritti b'gheluq ta' sena *"l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu"*.

Is-socjeta` konvenuta ssostni li dan il-perijodu ddekorra peress li bejn il-25 ta' Awissu 1997 (data ta' l-ittra ufficjali) u l-25 ta' Settembru 1998 (data tal-prezentata tal-azzjoni) ghaddiet aktar minn sena. Hija targumenta l-applikabilita` ta' l-artikolu 2147(c) peress li tekwivali n-*notice money* ghall- paga.

L-attur appellat mill-banda l-ohra jissottometti li n-*notice money* qatt ma jista' jigi kwalifikat bhala paga izda biss bhala penali u ghalhekk l-imsemmi Artikolu 2147(c) mhuwiex applikabbli.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, is-socjeta` konvenuta appellanti m'ghandhiex ragun u l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti kienet korretta. Difatti n-*notice money* ma jistax jigi ekwiparat ma' paga peress li d-dicitura tas-subartikoli (8), (9) u (10) ta' l-artikolu 34 tal-Kap 135 turi li din hija “somma” li tigi determinata billi tintuza l-paga ta' l-impjegat sabiex isiru l-kalkoli opportuni, u li ghalhekk hija intiza bhala forma ta' penali jew kumpens. Jigifieri l-fatt li l-kalkoli jsiru a bazi tal-paga ta' l-impjegat huwa biss incidentali peress li n-natura tas-somma li tithallas skond l-imsemmijin subartikoli <u>mhijiex paga</u>. Ghalhekk l-Artikolu 2147(c) mhuwiex applikabbli u l-ewwel aggravju, in kwantu jirrigwarda l-kwistjoni tan-*notice money*, hu konsegwentement michud.

It-tieni aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti jirrigwarda t-tieni eccezzjoni taghha li l-ammont reklamat

mill-attur appellat mhuwiex dovut ghaliex l-attur ipprevalixxa ruhu mill-beneficcju taht il-*Voluntary Termination Scheme* li kien aktar favorevoli ghalih skond kif mahsub fl-Artikolu 38 tal-Kap 135.

Is-socjeta` appellanti tghid l-ewwelnett li jekk it-talba ta' l-attur appellat ghall-hlas tal-*bonus* giet michuda, b'egwal mizura kellha tigi michuda t-talba tieghu ghan-*notice money*. Tghid li l-attur accetta li jirrizenja minn maghha fil-mument li accetta li jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju taht il-*Voluntary Termination Scheme*. Il-hlas jew kumpens offrut u lilu mhallas kien bil-bosta jissupera l-kumpens ghal temm ta' kuntratt ta' servizz espress fl-Artikolu 34 in kwantu f'din l-ahhar ipotesi l-principal kien tenut ihallas biss sa tmien gimghat paga bhala massimu mentri bis-sahha ta' l-iskema offruta huwa nghata l-ekwivalenti ta' sena paga. Ghalhekk, tissottometti s-socjeta` appellanti, huwa nkoncepibbli kif l-ewwel Qorti ghogobha tafferma u ssostni illi fil-mument tar-rizenja kien ghadu japplika l-perijodu tan-*notice* meta l-principal ta' l-attur kien offrielu somma aktar privileggjata minn dik stipulata fil-ligi. Lanqas jiftiehem, del resto, tkompli tghid is-socjeta` appellanti, il-hsieb illi kien jispetta lill-principal li jaccetta r-rizenja jew li jassikura ruhu mill-posizzjoni qabel tali accettazzjoni; ghall-kuntrarju l-offerta kienet saret mill-principal u din giet accettata volontarjament mill-attur impjegat. Ghalhekk, issostni s-socjeta` appellanti, ma kienx il-kaz ta' accettazzjoni ta' rizenja da parte tas-socjeta` appellanti, kif hekk ghogobha targomenta l-ewwel Qorti.

Issa mill-provi jirrizulta li l-attur appellat kien impjegat mas-socjeta` konvenuta li kellha skema ta' rtirar volontarju mix-xoghol kontra hlas lill-impjegati ta' l-ekwivalenti ta' sena paga. Huwa ddecieda li jibbenefika minn din l-iskema u b'ittra tat-22 ta' Mejju 1997 kiteb lill-*personnel manager* tas-socjeta` konvenuta appellanti biex jinfurmah b'hekk. Pero` zied ighid li kien *"willing to continue working with the company for the duration of the notice of termination of employment or, preferably, up to mid-October"*. Is-socjeta` konvenuta appellanti accettat ir-rizenja tieghu u hallsitu sena paga minghajr ma semmiet xejn rigward l-offerta tieghu biex jibqa' jahdem il-perijodu

tan-*notice*. Meta l-attur appellat kiteb lis-socjeta` konvenuta appellanti fit-18 ta' Gunju 1997 biex, *inter alia*, jitlob hlas tan-*notice money*, din wegbitu b'ittra tat-23 ta' Gunju 1997 (Dok. RV2 a fol. 31) li *"kull rizenja li saret taht l-iskema ta' Terminazzjoni Volontarja kienet soggetta ghad-decizjoni li kemm l-'employer' kif ukoll l-impjegat ikunu ezentati mill-obbligi taghhom fir-rigward tan-'notice'."* Mill-provi prodotti ma jirrizultax li din il-kondizzjoni kienet issir bil-miktub; anzi, minn ittra li s-socjeta` konvenuta appellanti baghtet lid-Dipartiment tax-Xoghol datata 15 ta' Lulju 1997 (Dok. RV4 a fol. 33) jirrizulta li *"d-decizjoni fir-rigward ta' l-ezenzjoni ta' l-obbligi tan-'notice' kienet komunikata verbalment lil kull applikant li ssottometta r-rizenja tieghu personalment, u mhux bil-miktub"*.

Mill-provi ma jirrizultax li l-attur appellat gie nfurmat la verbalment u wisq inqas bil-miktub dwar il-kondizzjoni ta' l-ezenzjoni ta' l-obbligu tan-*notice*. Dak li jirrizulta hu li l-partijiet ikkomunikaw ma' xulxin permezz ta' korrispondenza u li c-cirkolari 7/95 (Dok. RV1 a fol. 30) li tirrigwarda l-*Voluntary Termination Scheme* ma tirreferi ghall-ebda simili kondizzjoni. Galadarba l-attur appellat offra r-rizenja tieghu taht dik l-iskema u fl-istess hin offra li jahdem il-perijodu tan-*notice*, is-socjeta` konvenuta appellanti kellha d-dover li tinforma lill-attur hi dwar il-kondizzjoni fuq imsemmija. Peress li ma jirrizultax li l-attur appellat gie nfurmat b'din il-kondizzjoni u wisq anqas li giet diskussa mieghu, ma jistax jigi njorat dak li jipprovdi s-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 34 tal-Kap 135 dwar il-perijodu ta' *notice* u dwar l-ghazla li ghandu min jimpjega skond is-subartikolu (9) ta' l-istess Artikolu 34 tal-Kap 135 "jew li jhalli lill-impjegat li jkompli jahdem sakemm iz-zmien ta' l-avviz jaghlaq jew, f'kull zmien matul li jkun ghaddej iz-zmien ta' l-avviz, ihallas lill-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha tithallas dwar iz-zmien ta' l-avviz li ma jkunx ghalaq". F'dan il-kaz is-socjeta` konvenuta appellanti ma hallietx lill-attur appellat fl-impjieg tieghu ghall-perijodu ta' *notice* li huwa ta. Ghalhekk hija ghandha thallsu dik is-somma minnu pretiza dwar iz-zmien ta' l-avviz. U b'hekk anke t-tieni aggravju f'dan ir-rigward hu michud.

L-attur appellat pero` pprevalixxa ruhu mill-appell tas-socjeta` konvenuta biex jinterponi appell incidentali mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti peress li din ma laqghetx it-talba tieghu ghall-hlas ta' bilanc tal-*bonus*. Fil-fehma ta' din il-Qorti pero`, hawn l-attur m'ghandux ragun.
Difatti din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li fil-kaz tal-*bonus* huwa applikabbli l-perijodu preskrittiv previst mill-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili kif sottomess mis-socjeta` konvenuta. Il-Kap 135 fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 2 jiddefinixxi "paga" bhala *"rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu bil-flus minn principal lill-impjegat u tinkludi kull bonus li ghandu jithallas skond l-Artikolu 29 ta' dan l-Att"*. L-attur jargumenta li l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili ma jistax japplika ghalih peress li hu kien jithallas kull hmistax u li x-xoghol tieghu ta' *electronics technician* kien jitqies bhala <u>sengha</u>. Izda l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Alex Caruana vs Joseph Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Kummerc fil-11 ta' Dicembru 1978 citata wkoll mis-socjeta` konvenuta fir-risposta taghha ghall-appell incidentali, fejn gie deciz li *fitter turner* jidhol fl-espressjoni "artigjani" f'dak l-artikolu. Bhas-socjeta` konvenuta, ma tarax li fil-kaz in ezami *electronics technician* bhalma jidher li kien l-attur, m'ghandux jaqa' taht dik il-kategorija u, stante li l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili ma jistipulax f'kull kemm zmien huwa pagabbli l-istipendju ta' l-artigjani, tali artikolu ghandu jigi kkunsidrat applikabbli fil-konfront ta' l-attur in kwantu jirrigwarda l-*bonus*.

Jirrizulta, u ma giex kontestat, li fil-25 ta' Awissu 1997 giet intavolata ittra ufficjali mill-attur kontra s-socjeta` konvenuta, filwaqt li l-avviz gie ntavolat fil-25 ta' Settembru 1998, jigifieri oltre sena wara. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li t-talba attrici fir-rigward tal-*bonus* hija preskritta.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tirrespingi l-appell tas-socjeta` konvenuta Malta Shipbuilding Company Limited bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` konvenuta, tirrespingi wkoll l-appell incidentali ta' l-attur Lawrence J. M. Galea bl-

ispejjez kontra l-istess attur u, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fis-6 ta' April 2000 fl-ismijiet **Larwence J. M. Galea vs Malta Shipbuilding Company Limited**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------